**Xi ntqal dwar**
*Il-Linja l-Ħadra*
**Rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2006**

"She gives us pictures of a young society living often on the razor's edge and having precarious relations with the elders of that society. It is a picture that is often grey or even black, but the vigour of the writing and the faceted structure of the stories prevent the readers from ever getting depressed."
Paul Xuereb, *The Sunday Times*

"Ms Azzopardi, quite possibly the most important female prose writer in the history of Maltese literature (...) definitely has a way with words: some of the metaphors she uses linger long after you finish the book."
Ġużè Stagno, *Times of Malta*

"Frank and confrontational."
Gilbert Calleja, *Malta Today*

"Clare Azzopardi qed tikteb il-lingwa letterarja bil-Malti mill-ġdid. U proprju għaliex il-letteratura Maltija tafha sew, u tirrispettaha u tħobbha, ix-xogħlijiet tagħha mhumiex riproduzzjoni tal-aħjar kitbiet li għandna, jew ritorn lejn letteratura li għadda żmienha mitt sena ilu, imma kontribut intelliġenti u frisk, minkejja li jista' jidher irreverenti."
Adrian Grima, *Il-ĠENSillum*

"Lokalment, Clare Azzopardi tista' tinkwadra ruħha fil-messa in xena tal-iskumdità u r-rabja. L-istejjer tagħha huma distanti mill-pijunieri tal-letteratura moderna femminista."
Mario Azzopardi, *Il-Mument*

*Sandra*

L-ewwel ċavetta li ħallejt warajja kienet dik tad-djarju. Kont ħallejtha fuq il-mejda tal-iskola, mejda ħadra u mdellka biż-żejt tal-ħobż fejn is-soltu kont inpoġġi l-lapes jew il-biro u fejn kien hemm ukoll l-ittri pdm migrufa. Ħallejtha fejn tidher apposta biex issibha Paula Dawn Mangion. Kont year six dak iż-żmien. Kien djarju li fih kont nikteb is-sigrieti intimi tiegħi: l-istejjer ta' mħabba bejni u bejn Mauro, bejni u bejn Ezekiel, bejni u bejn Jamie, bejni u bejn Keith; jiddependi ma' min kont inkun miġġielda jew le. Kellu katnazz imwaħħal miegħu u kien jinfetaħ u jingħalaq b'ċavetta żgħira ħamra.

Paula kienet tifla sabiħa. Jien ma kontx sabiħa daqsha żgur. Ibda biex hi kellha xagħarha lixx u tiegħi kien nokkli; hi ma kellhiex nuċċali mentri jien kelli; kellha wiċċha bla marki u tiegħi kien mimli nemex li skont in-nanna kienu l-ħmieġ tal-ħamiem. Jamie kien jiffansja lilha. Xi kultant hu u Paula kienu jiġġieldu filgħodu u allura kien jiġi jilgħab miegħi fil-break

iż-żgħir imma sat-tieni break kien ikun iġġieled miegħi u reġa' mar jilgħab ma' Paula.

Kont ippjanajtha sewwa din. Għamilt ġimgħa sħiħa nikteb ittri ta' mħabba mingħand Jamie indirizzati lili. Qgħadt attenta li nimita sew il-kitba tiegħu minn handout tal-homework tal-Ingliż li sraqtlu waqt il-break u li 'ħabba n-nuqqas tagħha bela' kastig. Imbagħad ivvintajt skuża lil Paula li kelli xi problemi bil-Maths—Paula ma kinitx biss sabiħa imma kienet ukoll tajba fis-somom—u kont ċerta li kienet se tgħidli mmur għandha, għax kienet toqgħod fil-flett ta' taħtna. Hekk ġara. Kif wasalt daħħlitni fil-kamra tas-sodda tagħha. Tfajt il-basket fuq is-sodda u ħriġt il-kotba kollha. Id-djarju kien fosthom. L-ittri ta' Jamie ġo fih. Waqqajt nofshom mal-art apposta. Id-djarju kien wieħed minnhom. Ġbart il-pitazz u l-ktieb tas-somom. Ħbejt id-djarju taħt is-sodda b'sieqi kemm kemm jidher, bit-tama li ssibu meta tkun weħedha. Malli lestejna ppakkjajt kollox u tlaqt. Id-djarju nsejtu taħt is-sodda apposta, b'kantuniera minnhom tidher ħarira. L-għada, fil-break iż-żgħir, ħallejt iċ-ċavetta fejn tidher u qgħadt attenta li Paula Dawn ma taranix. U ġara eżattament dak li kont ħsibt li se jiġri. Waqt li jien kont qed nilgħab, Paula ġiet tpoġġili d-djarju fuq il-mejda. Rat iċ-ċavetta l-ħamra tleqq u għelbitha l-kurżità. Magħha kien hemm l-ikbar ħabiba tagħha,

u l-ikbar għadu tiegħi, Sara, u anki lilha bdew jikluha subgħajha. Allura biċ-ċavetta u bid-djarju f'idejhom marru jissakkru fit-toilet. Wara l-break sibt id-djarju msakkar fuq il-mejda kif stennejt. Imma ċ-ċavetta ma kinitx hemm. Hi u Jamie qatt ma reġgħu saru ħbieb u lili bdew daqqa jkellmuni u daqqa le, kif ifettlilhom. Sadattant lil Jamie ppruvajt nidħaklu ftit iktar missoltu, nagħtih xi biċċa ċikkulata, jew xi gomma ġdida, imma naħseb li n-nokkli ma kinux jogħġbuh. Id-djarju kont tfajtu fil-kexxun tal-iskrivanija tiegħi u ma ftaħtu qatt iktar, għax iċ-ċavetta ħadd qatt ma ħallihieli fejn naraha.

Ma nafx xi tkun din li meta titfaċċa ċavetta quddiemi, għajnejja jibdew joqomsu, qalbi tiskot f'daqqa, riġlejja jinħallu, idejja jogħrqu, rasi ddur lejn naħa, imbagħad lejn oħra u malli ninduna li ħadd mhu jarani, naħtafha u npoġġiha fil-but tal-jeans jew inkella f'xi handbag biex nużaha meta jasal il-waqt.

Darba, oħti, meta jien kont form 4 u hi l-Università, kienet ħalliet iċ-ċavetta tal-jewel box tal-injam li kellha fuq it-twaletta fil-kamra tal-banju. Qatt ħadd ma kien fetaħha dik il-kaxxa ħliefha. U dik id-darba, forsi għax iġġieldet ma' Matthew fuq it-telephone u ħarġet middar irrabjata, kienet ħalliet iċ-ċavetta fuq il-ħoġor tattieqa tal-kamra tal-banju. Bi żball. Ma nafx xi ħsibt li

se nsib fiha. Niftakarni nagħlaq għajnejja, indawwar iċ-ċavetta bil-mod kemm jista' jkun, nismagħha żżaqżaq kemm kemm, ngħolli l-għatu b'għajnejja għadhom magħluqa u nimmaġinani dieħla fiha u nsib dinja oħra bħalma sabet Lucy meta daħlet fil-gwardarobba tal-Professur Kirke. Naħseb li qatt ma ħassejtni mqarrqa daqs dakinhar li ftaħt il-kaxxa sigrieta t'oħti l-kbira u sibtha mimlija condoms. Bir-rabja sabbatt l-għatu, sakkart il-kaxxa, mort fil-kċina u ħallejt iċ-ċavetta fuq il-mejda tal-ikel biex meta tidħol ommi taraha u taqbadha l-kurżità. B'hekk issir taf hi wkoll bis-sigriet li bintha qed taqfel fil-kaxxa. Imbagħad intfajt quddiem it-televixin nistenna lil ommi tasal. U ġara eżattament kif kont ħsibt. Ommi poġġiet l-affarijiet fuq il-mejda u tefgħet il-kitla fuq in-nar. Imbagħad bdiet tiżbarazza l-basktijiet u ġew iċ-ċwievet quddiem għajnejha. Naf żgur li għamlet hekk: ħarset biex tara jien kontx qed inħares lejha—ma kontx—ħatfithom malajr malajr b'idha l-leminija u daħħlithom fil-but tal-flokk. Imbagħad qamet bilwieqfa u bdiet miexja lejn il-kuritur, Malli jagħli agħmilli kikkra te pupa, jien se nidħol sat-toilet. Dakinhar filgħaxija tgħidx x'waħda qalgħet oħti u ommi ma ħallithiex titla' Paceville għal xahar sħiħ.

Darba meta kont is-sixth form kont ħallejt iċ-ċavetta tal-locker warajja apposta, fejn tidher, biex

isibha Gareth. Sa dak iż-żmien kont drajt sew x'kien iħoss dak li jkun meta jsib ċavetta mitluqa fuq mejda jew fl-art jew xi mkien u jkun jaf sewwa ta' min hi. Għall-ewwel jinħasad, dak dejjem, imbagħad ibaxxi kemm kemm rasu; għajnejh isiru żibġa sewda u jgħumu malajr sa tarf imbagħad s'ieħor biex jaraw hemmx xi ħadd; imbagħad iħoss żarżira ftit skomda, titlagħlu dik l-għoqla skrupluża u tkexkixa eċitanti twaqqaf lil qalbu milli tqaħqaħ, ma jmurx xi ħadd jinduna. Sa fl-aħħar jiddeċiedi li jaħtafha. Konna domna flimkien xahar u wara xahar qbadtu ma' Karla u meta għedtlu li rajtu magħha ċaħad kollox u gideb li ried lili biss. Meta rġajt rajtu jħollilha l-buttuni tal-qmis, jikxfilha sidirha u jilgħaqhulha bħal ġelat, bgħattlu nota u heddidtu bir-ritratti li għandi tiegħu ma' Karla u li kont se nħammrilha wiċċha. Imbagħad, ħallejt iċ-ċavetta tal-locker fejn jaraha hu. Ma nafx eżattament x'ħaseb. Forsi ħaseb li r-ritratti kienu hemm, forsi ħaseb li jsib xi ħaġa minn tiegħi li jista' jirrikattani biha. Min jaf? Ittanta xortih u ġaladarba kien sab iċ-ċwievet, kien vallapena li jmur jiċċekkja. Malli fetaħ il-locker waqgħu ħames mitt tampax għal fuqu. Dak il-ħin tfaċċajt jien mgħoxxija bid-daħk u bir-ritratti ta' Karla nofsha mneżżgħa f'idejja. Qed tfittex dawn għal li jista' jkun? Aħjar tpoġġi t-tampax kollha f'posthom jekk ma tridx iż-żejżiet ta' Karla jispiċċaw fuq in-notice board.